

# Aħbar Tajba

Atti 2, 42-47
Salm 117 (118), 2-4.13-15.22-24
1 Piet 1, 3-9
Ġw 20, 19-31

"Is-sliem għalikom! Kif il-Missier bagħat lili,
**hekk jien nibgħat lilkom."**

Ma nafx jekk intix persuna sportiva jew għandikx xi passatemp li jkollok bżonn ftit taħriġ biex dejjem issir aħjar. Jista' jkun li tħobb il-mużika u qed titgħallem iddoqq strument, jew inkella inti parti minn tim tal-futbol u jkollok il-jiem tat-taħriġ.

Hu x'inhu l-isport jew il-passatemp tiegħek, importanti li ssib min iħarrġek sew; dejjem isus warajk biex ma tiqafx! Forsi kultant nibdew naħsbu li qed jissikkaw fuqna ż-żejjed, imma f'qalbna nistgħu nifhmu li l-coach jew l-għalliema jixtiequ li nkunu l-aħjar li nistgħu. U jekk ma neħdux it-taħriġ bis-serjetà jew inkella nibdew infallu, malajr nindunaw li nibdew ninsew dak li konna nafu nagħmlu! Fil-fatt issib footballers jgħidulek li jekk jaqtgħu għal ftit żmien mit-taħriġ, il-muskoli qishom jitilfu s-saħħa. Mill-banda l-oħra min idoqq xi strument jinsisti biex kuljum idoqq imqar siegħa waħda, inkella jaqa' lura!

Fl-Evanġelju tal-lum se nisimgħu l-istess messaġġ, però minflok fuq il-passatempi, Ġesù qed ikellimna fuq il-fidi tagħna. Għax ngħiduha kif inhi, dan il-prinċipju jgħodd f'kollox. Jekk nieqfu jew nittraskuraw l-iskola nispiċċaw ninsew kollox sal-aħħar tas –sena; u jekk tibda tiskarta lil sħabek tispicca titlifhom ukoll. Din tgħodd b'mod speċjali għall-fidi tagħna. Jekk ma nibżgħux għall-fidi tagħna u ma nippruvawx ngħixuha kuljum, nistgħu nitilfuha wkoll. Forsi xi wħud minnkom jafu x'uħud li ttraskuraw il-ħajja Nisranija u waqfu kull relazzjoni li kellhom ma' Alla. Allura kif se nżommu l-fidi tagħna ħajja? M'hemmx bżonn affarijiet kbar.

Ibda billi ssib ħin kuljum biex titlob, anke ħin qasir. Agħmilha ma' ħbieb li jħobbu lil Alla u pprova attendi xi għaqda reliġjuża. Blaise Pascal, xjenzat importanti ħafna, darba qal: "Jekk trid issaħħah il-fidi tiegħek toqgħodx tipprova tifhem u targumenta imma aqbad għix il-fidi tiegħek u agħmel kemm tiflaħ tajjeb".

Allura ejjew din il-ġimgħa nħobbu iktar il-Kelma ta' Alla għax fiha naqraw kif Alla se jgħinna nkunu l-aħjar li nistgħu; infittxu li kuljum insibu ħin, anke qasir, biex fis-skiet nitolbu; inqassmu l-ħin tagħna sew biex insibu ħin immorru l-MUSEUM; nippruvaw ma nitilfux opportunità li nieħdu sehem fil-quddies u fuq kollox ma nitilfux l-okkażjoni li ngħinu lil xi ħadd għax dak li nagħmlu mal-iżgħar fost ħutna nkunu qed nagħmluh ma' Alla nnifsu.

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**
IMBEŻŻGĦA, LHUD, BIBIEN, MAGĦLUQA, SLIEM, GĦALIKOM, IDEJH, ĠENBU, HENJIN, EMMNU

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Q | A | W | M | IE | N | T | A | J | I |
| A | S | L | IE | M | A | GĦ | M | U | D |
| M | I | Ġ | E | N | B | U | E | J | H |
| A | M | A | GĦ | L | U | Q | A | D | I |
| GĦ | B | I | B | IE | N | F | D | J | N |
| L | E | D | B | O | Z | Z | I | A | T |
| U | Ż | E | M | M | N | U | X | H | N |
| Q | Ż | J | T | R | A | L | X | E | I |
| E | GĦ | H | L | A | L | A | I | N | B |
| GĦ | A | L | I | K | O | M | P | J | R |
| A | L | I | K | O | M | GĦ | L | I | A |
| L | I | W | L | H | U | D | I | N | Q |
| A | K | Q | R | A | R | A | T | I | T |



"Is-sliem għalikom!
Kif il-Missier bagħat lili,
**hekk jien nibgħat lilkom."**



**Minn kliem il-Papa Franġisku**

"Il-flus qegħdin biex iservu u mhux biex jikkmandaw."

X'valur għandhom il-flus għalik? Il-flus, x'konsegwenzi qegħdin iġibu fil-familja tiegħek u fir-relazzjoni tiegħek ma' dawk l-aktar għeżież għalik?

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.




**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola



mediacentre

design • video production • animation • publishing • web




**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq
Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com


AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.